

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022 – Feralpi vs Il-Kummissjoni(Kawża T-657/19) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 65 FA, wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Iffissar tal-prezzijiet – Limitazzjoni u kontroll tal-produzzjoni u tal-bejgħ – Deċiżjoni meħuda wara l-annullament ta’ deċiżjonijiet preċedenti – Żamma ta’ seduta ta’ smiġh ġdida fil-preżenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba – Żmien raġonevoli – Obbligu ta’ motivazzjoni – Proporzjonalità – Prinċipju ta’ ne bis in idem – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Ksur uniku, kumpless u kontinwu – Prova tal-parteċipazzjoni fl-akkordju – Tbeġhid pubbliku – Ġurisdiżjoni sħiħa”)

(2022/C 482/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Feralpi Holding SpA (Brescia, l-Italja) (rappreżentanti: G. Roberti u I. Perego, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi, G. Conte u C. Sjödin, aġenti, assistiti minn P. Manzini, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4969 final tal-4 ta' Lulju 2019 dwar proċediment skont l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (Każ AT.37956 – Vireg li jirrinforzaw il-konkrit) u/jew għat-tneħħija jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Feralpi Holding SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 399, 25.11.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022 – Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni(Kawża T-667/19) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 65 FA, wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Iffissar tal-prezzijiet – Limitazzjoni u kontroll tal-produzzjoni u tal-bejgħ – Deċiżjoni meħuda wara l-annullament ta’ deċiżjonijiet preċedenti – Żamma ta’ seduta ta’ smiġh ġdida fil-preżenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba – Żmien raġonevoli – Obbligu ta’ motivazzjoni – Proporzjonalità – Prinċipju ta’ ne bis in idem – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Prova tal-parteċipazzjoni fl-akkordju – Ċirkustanzi aggravanti – Reċidiva – Ċirkustanzi attenwanti – Ugwaljanza fit-trattament – Ġurisdiżjoni sħiħa”)

(2022/C 482/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Ferriere Nord SpA (Osoppo, l-Italja) (rappreżentanti: W. Viscardini, G. Donà u B. Comparini, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi, G. Conte u C. Sjödin, aġenti, assistiti minn M. Moretto, avukat)

Intervenjent insostenn tal-konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Segnana u E. Ambrosini, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, b'mod prinċipali, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4969 final tal-4 ta' Lulju 2019 dwar proċediment skont l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (Każ AT.37956 – Vireg li jirrinforzaw il-konkrit) u, b'mod sussidjarju, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ferriere Nord SpA hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

(¹) ĠU C 399, 25.11.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ottubru 2022 – Il-Greċja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-850/19) (¹)

(“Għajjnuna mill-Istat – Attivitajiet marbuta mal-produzzjoni, mal-ipproċessar u mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agricoli – Skemi ta' għajjnuna mogħtija mill-Greċja fil-forma ta' sussidji fuq l-interessi u garanziji mill-Istat fuq self eżistenti u self ġdid sabiex jiġu rrimedjati danni kkawżati minn diżastri naturali jew minn avvenimenti straordinarji oħra – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u illegali u torċna l-irkupru tal-għajjnuna mogħtija – Għajjnuna limitata għal żoni ġeografiki milquta – Vantaġġ – Natura selettiva – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Tul tal-proċedura – Aspettattivi leġittimi – Terminu ta' preskrizzjoni – Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2015/1589”)

(2022/C 482/23)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: E. Tsaousi, E. Leftheriotou u A.-V. Vasilopoulou, aġenti)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar u T. Ramopoulos, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-Repubblika Ellenika titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/394 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar il-miżuri SA.39119 (2016/C) (ex 2015/NN) (ex 2014/CP) implimentati mir-Repubblika Ellenika fil-forma ta' sussidji fuq l-imgħax u garanziji marbuta man-nirien tal-2007 (din id-deċiżjoni tkopri biss is-settur agrikolu) (ĠU 2020, L 76, p. 4).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 68, 2.3.2020.